Dinja Waħda



# Friefet

Aħna bajd ta' farfett. Ġo fina hemm xagħat.



Dinja Waħda


Lest biex noħroġ jien!
Kemm għandi ġuħ...
Dinja Waħda



L-ewwel ħaġa li se niekol hija l-bajda li ħriġt minnha.

Dinja Waħda

Mmm, kemm hu tajjeb dal-weraq! Grazzi Mamà talli poġġejtni fuqhom.



Dinja Waħda



Issa tant kilt li kbirt bizzejjed. Wasal iz-zmien li ninbidel.

Dinja Wańda

Ħa nfittex xi mkien kwiet biex nagħmel il-fosdqa.



Tmissnix meta nkun qiegħed fil-fosdqa. Hawn ġew inkun qed ninbidel.



Lest fl-aħħar! Kont xagħat u sirt farfett. Ġejt sabiħ?



Issa ma nistax niekol weraq iktar. Mela ħa nsib xi fjuri ħalli nixrob il-meraq tagħhom.




Dinja Waħda
Issa jmiss lili biex inbid il-bajd fuq il-weraq ħalli jsiru xgħat.



Irrid noqgħod attenta li l-bajd inbidu fuq il-pjanta li jħobb jiekol ix-xagħat tiegħi.

Ħa nurikom ftit friefet u l-pjanti li jħobbu x-xgħat tagħhom.





Ix-xagħat tal-farfett tal-bużbież jiekol weraq tal-bużbież.


Dinja Waħda
Ix-xagħat tal-farfett tal-anġlu
jiekol weraq tal-qrempuċ.

Dinja Waħda







Ix-xagħat tal-**farfett tax-xewk** jiekol weraq tax-xewk u tal-ħubbejż.


Ix-xagħat tal-farfett tal-ħurrieq jiekol weraq tal-ħurrieq.
Dinja Waħda



Issa meta tkunu fil-kampanja tinsewx tfittxu friefet u xgħat.

BirdLife

MALTA

© BirdLife Malta

Dinja Waħda